

**Brussell, 18 ta' Lulju 2022
(OR. en)**

11481/22

**EF 210
ECOFIN 740
DELECT 123**

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	13 ta' Lulju 2022
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	C(2022) 4833 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' 13.7.2022 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2020/1503 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-miżuri u l-proċeduri għall-pjan għall-kontinwità operazzjonali tal-fornitur ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2022) 4833 final.

Mehmuż: C(2022) 4833 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 13.7.2022
C(2022) 4833 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 13.7.2022

li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2020/1503 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-miżuri u l-proċeduri għall-pjan għall-kontinwità operazzjonali tal-fornitur ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

L-Artikolu 12(16) tar-Regolament (UE) 2020/1503 dwar fornituri Ewropej ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv għan-negozji ("ir-Regolament") jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta, wara li l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) tippreżenta abbozz ta' standards tekniċi regolatorji, u skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, atti delegati li jispeċifikaw il-miżuri u l-proċeduri tal-pjan għall-kontinwità operazzjonali imsemmi fil-punt (j) tal-paragrafu 2 tal-Artikolu 12 tar-Regolament.

L-Artikolu 12 tar-Regolament jikkonċerna l-awtorizzazzjoni l-għoti ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv skont ir-Regolament. Skont l-Artikolu 12(2)(j), l-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni għandha tinkludi deskrizzjoni tal-pjan għall-kontinwità operazzjonali prospettiv tal-fornitur ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv prospettiv li, b'kunsiderazzjoni tan-natura, tad-daqs u tal-kumplessità tas-servizzi ta' finanzjament kollettiv li l-fornitur ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv prospettiv jkollu l-intenzjoni li jipprovi, jistabbilixxi miżuri u proċeduri li jiżguraw, fil-każ tal-falliment tal-fornitur ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv prospettiv, il-kontinwità tal-forniment ta' servizzi kritiċi relatati mal-investimenti eżistenti u l-amministrazzjoni tajba tal-ftehimiet bejn il-fornitur ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv u l-klijenti tiegħu.

F'konformità mal-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 li jistabbilixxi l-ESMA, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi fi żmien tliet xhur minn meta tirċievi l-abbozzi ta' standards jekk tapprovax l-abbozzi ppreżentati. Il-Kummissjoni tista' wkoll tapprova l-abbozz tal-istandards parzjalment biss, jew b'emendi, meta l-interessi tal-Unjoni jkunu jesigū hekk, filwaqt li titqies il-proċedura speċifika stipulata f'dawk l-Artikoli.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

F'konformità mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, l-ESMA wettqet konsultazzjoni pubblika dwar l-abbozzi tal-istandards tekniċi ppreżentati lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 12(16) tar-Regolament. Id-dokument ta' konsultazzjoni ġie ppubblikat fis-26 ta' Frar 2021 fuq is-sit web tal-ESMA u l-konsultazzjoni għalqet fit-28 ta' Mejju 2021. Barra minn hekk, l-ESMA talbet il-parir tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq stabbilit skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010. Fir-rapport finali dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi, l-ESMA inkludiet spjegazzjoni dwar kif l-eżitu ta' dawn il-konsultazzjonijiet tqies fl-iżvilupp tal-istandards tekniċi abbozzati finali ppreżentati lill-Kummissjoni.

Flimkien mal-abbozz ta' standards tekniċi, u skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, l-ESMA ppreżentat l-analiżi tagħha tal-kostijiet u l-benefiċċji relatati mal-abbozz ta' standards tekniċi ppreżentat lill-Kummissjoni. Din l-analiżi hija inkluża fir-Rapport Finali dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi disponibbli hawn: https://www.esma.europa.eu/sites/default/files/library/esma35-42-1183_final_report_-_ecspr_technical_standards.pdf.

3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-ATT DELEGAT

L-abbozz tal-istandards tekniċi jispeċifika l-kontenut minimu, bħal miżuri u proċeduri, tal-pjan għall-kontinwità operazzjonali li għandhom jiġu żviluppanti mill-fornituri ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv biex jindirizzaw ir-riskji assoċjati mal-falliment tagħhom.

B'mod partikolari, l-abbozz tal-istandards tekniċi jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet meħtieġa u l-passi dettaljati li jenħtieġ li jkunu inklużi fil-pjan għall-kontinwità operazzjonali fir-rigward tal-forniment ta' servizzi kritiċi u l-amministrazzjoni tajba tal-ftehimiet bejn il-fornitur ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv u l-klijenti tiegħu.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 13.7.2022

li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2020/1503 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-miżuri u l-proċeduri għall-pjan għall-kontinwità operazzjonali tal-fornitur ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Ir-Regolament (UE) 2020/1503 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Ottubru 2020 dwar fornituri Ewropej ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv għan-negozji, u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1129 u d-Direttiva (UE) 2019/1937¹, u b'mod partikolari ir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 12(16) tiegħu,

Billi:

- (1) Biex jiġi żgurat li l-miżuri u l-proċeduri għall-pjan għall-kontinwità operazzjonali imsemmi fil-punt (j) tal-Artikolu 12(2) tar-Regolament (UE) 2020/1503 ikunu armonizzati kif xieraq fl-Unjoni, jenħteġ li jiġu speċifikati l-miżuri u l-proċeduri ta' tali pjan.
- (2) Biex jiġu indirizzati kif xieraq ir-riskji assoċjati mal-waqfien ta' servizzi kritiċi, il-pjan għall-kontinwità operazzjonali jenħteġ li jiżgura li s-servizzi kritiċi, inklużi dawk li jiġu esternalizzati, ikomplu jitwettqu minkejja l-falliment tal-fornitur ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv, jew tal-parti terza li lilha jkunu ġew esternalizzati s-servizzi kritiċi.
- (3) Minħabba l-firxa ta' avvenimenti li jista' jkollhom impatt detrimentali fuq il-prestazzjoni ta' servizzi kritiċi, il-pjan għall-kontinwità operazzjonali jenħteġ li jindirizza sitwazzjonijiet li jwasslu għal difett sinifikanti jew inadempjenza fil-prestazzjoni ta' servizzi kritiċi.
- (4) Sabiex jiġi żgurat li l-pjan għall-kontinwità operazzjonali jkun effettiv, huwa xieraq li jiġi stabbilit il-kontenut minimu tal-miżuri u l-proċeduri tal-pjan għall-kontinwità operazzjonali.
- (5) Huwa xieraq li jiġi ċċarat numru limitat ta' termini tekniċi. Dawk id-definizzjonijiet tekniċi huma meħtieġa biex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi ta' dan ir-Regolament u, għalhekk, jikkontribwixxu għall-istabbiliment ta' ġabra unika tar-regoli għall-fornituri ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv tal-Unjoni. Dawk id-definizzjonijiet iservu biss għall-fini li jiġu stabbiliti l-obbligi tal-fornituri ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv u jenħteġ li jkunu limitati strettament għall-fehim ta' dan ir-Regolament.

¹ ĠU L 347, 20.10.2020, p. 1.

- (6) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji ppreżentati lill-Kummissjoni mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq.
- (7) L-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji li fuq huwa bbażat dan ir-Regolament, analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbet il-parir tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq stabbilit skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill².
- (8) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat skont l-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³ u ta l-opinjoni tiegħu fil-1 ta' Ġunju 2022,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (a) “servizzi kritiċi” tfisser servizzi operazzjonali u tan-negozju li d-difett jew l-inadempjenza tagħhom fit-twettiq tagħhom ifixklu materjalment il-konformità kontinwa ta' fornitur ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv mar-Regolament (UE) 2020/1503, jew il-prestazzjoni finanzjarja tiegħu, jew is-solidità jew il-kontinwità tas-servizzi u l-attivitajiet ta' finanzjament kollettiv tiegħu, b'mod partikolari fil-konfront tal-klijenti tiegħu.
- (b) “falliment” tfisser kwalunkwe proċediment ta' insolvenza jew ta' qabel l-insolvenza applikabbli skont il-liġi nazzjonali rilevanti jew kwalunkwe interruzzjoni sinifikanti tan-negozju.
- (c) “interruzzjoni sinifikanti tan-negozju” tfisser difett sinifikanti jew inadempjenza li tfixkel il-prestazzjoni ta' servizzi kritiċi b'mod materjali.

Artikolu 2

Kontenut minimu tal-pjan għall-kontinwità operazzjonali

1. Il-fornituri ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv għandhom jiżviluppaw pjan dettaljat għall-kontinwità operazzjonali li jindirizza r-riskji assoċjati mal-falliment tagħhom (“il-pjan għall-kontinwità operazzjonali”).
2. Il-pjan għall-kontinwità operazzjonali għandu jinkludi:
- (a) miżuri u proċeduri biex tiġi żgurata l-kontinwità tal-forniment ta' servizzi kritiċi relatati ma' investimenti eżistenti;

² Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Nru 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

³ Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

- (b) miżuri u proċeduri biex tiġi żgurata l-amministrazzjoni tajba tal-ftehimiet bejn il-fornitur ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv u l-klijenti tiegħu u l-amministrazzjoni tajba ta' *data* kummerċjali kritika.

Artikolu 3

Kontinwità tal-forniment ta' servizzi kritiċi

1. Il-pjan għall-kontinwità operazzjonali għandu jiżgura li s-servizzi kritiċi inklużi daww li jiġu esternalizzati lil partijiet terzi, ikomplu jitwettqu minkejja l-falliment tal-fornitur ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv jew tal-parti terza li lilha jkunu ġew esternalizzati s-servizzi kritiċi.
2. Il-miżuri li jinsabu fil-pjan għall-kontinwità operazzjonali għandhom jiġu adattati għall-mudell kummerċjali tal-fornitur ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv u għandhom jinkludu arranġamenti li jiżguraw il-kontinwità tas-servizzi kritiċi permezz tal-esternalizzazzjoni ta' xi wħud minn dawn is-servizzi kritiċi jew kollha kemm huma lil entità terza.
3. Il-pjan għall-kontinwità operazzjonali għandu jinkludi dispożizzjonijiet għal:
 - (a) in-notifika tal-klijent dwar l-okkorrenza ta' avveniment ta' falliment;
 - (b) l-aċċess tal-klijenti għal informazzjoni relatata mal-investimenti tagħhom;
 - (c) fejn applikabbli, l-issoktar tas-servizzjar ta' self pendenti;
 - (d) fejn applikabbli, il-kontinwazzjoni tas-servizzi ta' pagament kif imsemmi fl-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 2020/1503, inklużi l-arranġamenti msemmija fil-paragrafu 5 ta' dak l-Artikolu;
 - (e) fejn applikabbli, it-trasferiment tal-arranġamenti ta' salvagwardja tal-assi kif imsemmi fl-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 2020/1503.

Artikolu 4

Amministrazzjoni tajba tal-ftehimiet

1. Il-pjan għall-kontinwità operazzjonali għandu, filwaqt li jqis in-natura, l-iskala u l-komplessità tal-fornitur ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv kif ukoll il-mudell kummerċjali tiegħu, jistabbilixxi miżuri dettaljati li għandhom jittieħdu biex tiġi żgurata l-amministrazzjoni tajba tal-ftehimiet bejn il-fornitur ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv u l-klijenti tiegħu.
2. Ir-regoli msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġi applikati għal:
 - (a) ftehimiet bejn il-fornitur ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv u l-klijenti tiegħu, inkluża informazzjoni li hija ta' importanza kritika għall-amministrazzjoni tajba tal-ftehimiet;
 - (b) riżultati tat-test inizjali tal-għarfien kif imsemmi fl-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2020/1503;
 - (c) *data* kummerċjali kritika oħra.
3. Il-passi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jikkonsistu minn dan li ġej:
 - (a) il-ħżin f'post sikur ta' ftehimiet imsemmija fil-paragrafu 2, punt (a), fejn l-oriġinal ikun disponibbli biss f'forma stampata;
 - (b) back-up rilevanti tad-dokumenti u l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2.

4. L-informazzjoni u l-ftehimiet li jippermettu t-traċċar tal-pagamenti magħmula mill-investituri u mis-sidien tal-proġetti għandhom jitqiesu bħala data kummerċjali kritika għall-finijiet tal-paragrafu 2, punt (c).

Artikolu 5
Proċeduri

1. Il-proċeduri msemija fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 2(2) għandhom jiġu adattati għall-mudell kummerċjali tal-fornitur ta' servizz ta' finanzjament kollettiv u għandhom jinkludu:
- (a) il-ġbir ta' lista ta' dettalji ta' kuntatt tal-persuni jew tad-dipartiment responsabbli f'każ ta' falliment tal-fornitur ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv;
 - (b) l-identifikazzjoni tat-tliet xenarji ta' falliment l-aktar probabbli u d-deskrizzjoni tal-miżuri li għandhom jittieħdu biex jittaffa l-impatt tagħhom fuq il-kontinwità tas-servizzi kritiċi;
 - (c) dispożizzjonijiet dwar l-aċċess mill-persunal tal-fornitur ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv għall-ispazju tax-xogħol u n-network tal-kumpaniji;
 - (d) dispożizzjonijiet dwar l-aċċess għall-informazzjoni tal-klijent u, fejn rilevanti, l-assi tal-klijenti;
 - (e) l-identifikazzjoni tar-riskji operazzjonali u finanzjarji kif ukoll miżuri biex titnaqqas l-okkorrenza tagħhom;
 - (f) l-identifikazzjoni ta' sistemi kummerċjali kritiċi u miżuri ta' kontinġenza biex tiġi żgurata l-kontinwità tagħhom;
 - (g) identifikazzjoni ta' relazzjonijiet kummerċjali kritiċi, inklużi funzjonijiet esternalizzati;
 - (h) proċeduri biex tiġi żgurata l-kontinwità tal-komunikazzjoni bejn il-fornitur ta' servizzi ta' finanzjament kollettiv, il-klijenti tiegħu, is-sħab kummerċjali, l-impjegati u l-awtoritajiet kompetenti.

Artikolu 6
Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 13.7.2022

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN